# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Dicembru, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 332/01mm**

**Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc**

**f'isem id-ditta Farrugia Enterprises**

**vs**

**Edwin Caruana**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju prezentata kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta' Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Deputat Registratur